ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 07 IT-TNEJN 24 TA' SETTEMBRU 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli.

Il-Kunsillier Jason Busuttil kien skuzat minħabba impenji ta' xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**07/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 06**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 06 li nżammet nhar l-Erbgħa 1 ta' Awwissu 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 06 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**07/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**07/02/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħażagħ applika għall-fondi tal-Unjoni Ewropea għall-*Youth Exchange*.

**07/02/02** **Is-Sindku** infurmat li l-Kunsill ġie avviċinat mill-kuntrattur li għandu l-kuntratt tax-xogħlijiet fil-komun fil-bini tal-Gvern fejn staqsa meta se jkompli x-xogħol skont il-kuntratt minkejja li l-iskema tal-*Housing* inbiddlet. Il-Kunsill iddeċieda sabiex jieħu parir mingħand l-Awtorita' tad-Djar u mingħand l-Avukat tal-Kunsill qabel ma jirrispondih li l-kuntratt tiegħu gie tterminat għall-fatt li m'hemmx xogħlijiet xi jkompli ladarba l-iskema tal-*Housing* m'għadiex fis-seħħ.

**07/02/03** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** gibed l-attenzjoni tas-Sindku Rosianne Cutajar dwar il-fatt li huwa seta' kien infurmat bl-iżviluppi li kien hemm fuq il-proġett tal-*Heritage Trail* u bil-laqgħa li nżammet mal-Gal Xlokk, ladarba dan kien proġett li beda proprju mill-Kunsill preċedenti. Is-Sindku Rosianne Cutajar wieġbet li l-laqgħa kienet waħda informali u li l-permess ħareġ proprju fis-17 ta' Settembru 2012.

**07/02/04** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li ġie avviċinat minn membri tal-istaff li kkonfidaw miegħu li ma fadlilhomx motivazzjoni. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** għandu jiltaqa' mal-istaff biex jara xi problemi hemm f'dan ir-rigward.

**07/02/05** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex meta jinħarġu kwotazzjonijiet li jkunu urġenti għandha tittieħed deċiżjoni mmedjata u mhux nistennew seduta tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku irrefera għall-kwotazzjonijiet tat-tindif tal-culverts li minħabba l-problema tal-għargħar f'Ħal Qormi, dan ix-xogħol għandu jsir malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill qabel li fil-futur is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibda jikkomunika mal-Kunsilliera permezz ta' email u tittieħed deċiżjoni fi żmien qasir ladarba l-materja tkun urġenti.

**07/02/06** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li hemm bżonn toħroġ b'mod urġenti is-sejħa ta' kwotazzjonijiet għall-manutenzjoni / restawr tal-istatwi tal-Madonna tar-Ružarju, San Pawl, San Ġorġ u San Bastjan. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħiet separati għal kull statwa.

**07/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv** iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet (DOK A) li ġiet approvata mill-Kunsill *nem.con*

**07/02/08** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** gibed l-attenzjoni dwar il-fatt li ma kienx mistieden għal-laqgħat li saru man-Nurseries. Is-Sindku irrispondiet li għal-laqgħat kien hemm is-Sindku u ż-żewġ kunsilliera responsabbli mill-iSport. Il-**Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** qal li huwa ma jaqbilx li Id-Dielja titqassam mit-tfal tan-*Nurseries* għaliex dawn ikunu esposti għal periklu kkawżat mit-traffiku.

**07/02/09** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** staqsa dwar il-kwotazzjonijiet li kien hemm għall-kors tal-*make up*. Ġie spjegat li peress li ma kenitx ħarġet sejħa, għaliex dan il-kors kellu ħlas li huwa taħt il-parametri ta' *direct*

*order*, kienu intalbu kwotazzjonijiet mingħand żewġ persuni differenti. Peress li kien hemm diversjoni ta' opinjonijiet dwar l-għażla, il-Kunsillier Ralph Puli issuġġerixxa li ssir laqgħa bejn is-Sindku Rosianne Cutajar, u l-kunsilliera responsabbli mill-Edukazzjoni Bjorn Azzopardi u Robert Cremona sabiex jagħżlu l-kriterji għas-sejħa ġdida ta' kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

**07/02/09** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca ħarġet mil-laqgħa fit-8.45pm.**

**07/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li kienet ser tiġi organizzata attivita' soċjali fit-28 ta' Settembru 2012**. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar li l-organizazzjoni ta' din l-attivita' għandha ssir skont il-proċeduri.

## 07/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu 2012
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2012
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 07/04 MOZZJONIJIET

### 07/04/01 MOZZJONI 36/2012(VI)

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq il-mozzjoni Nru36/2012 (VI).

Nipproponi li l-qasam tal-Ħidma Internazzjonali li tinkludi Ġemellaġġi, Turiżmu u *EU Funding* ikollu Sotto-Kumitat ippresedut minni u mis-Sindku iffurmat mill-persuni t'hawn taħt:

Marvin Zammit
Duane Chetcuti
Warren Sammut

Nipproponi l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn ikunu membri f'dan is-Sotto Kumitat.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Disgħa (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 36/2012 (VI).**

**07/04/02 MOZZJONI NRU 37/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni Nru 37/2012 (VI).

"Peress li l-Kunsill ġie infurmat li l-art li hemm bejn Triq is-Sienja u Vjal de La Cruz, li tinsab abbandunata u mitluqa, hija art governattiva;

Peress li l-Kunsill Lokali ġie infurmat mid-Dipartiment tal-Artijiet, li f'każ li l-Kunsill mhuwiex interessat fiha, ser joħroġ sejħa għall-offerti biex din tingħata lill-privat;

Peress li jekk din l-art tingħata lill-privat, ikun hemm riskju li din l-art tiġi abbandunata b'inkonvenjenzi għar-residenti, bħalma ġara fil-passat;

Nipproponi biex il-Kunsill Lokali iressaq talba għad-devoluzzjoni ta' din l-art lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u sabiex is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit tall-Kunsill jieħdu ħsieb il-proċedura biex din l-art tiġi devoluta lill-Kunsill."

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 37/2012 (VI).**

**07/04/03 MOZZJONI NRU 38/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni Nru 38/2012 (VI),

f’isem il-**Kunsillier Jason Busuttil** peress li kien skużat.

“Peress li mill-fondi għall-attivita *Lejl f`Casal Fornaro* naqqsu mill-iskema minn €6000 għal €4000;

Nipproponi li għal din is-sena biss il-Kunsill iħallas l- *extra duty* tal-Pulizija kif wkoll it tindif biex b’hekk din l-attivita tista’ tibqa’ tilħaq il-livell meħtieġ filwaqt li nibqgħu nsostnu l-ħidma volontarja tal-għaqdiet tagħna .”

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-Disa’ (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 38/2012 (VI).**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** għamlet riferenza għal xandiriet li dehru fuq il-mezzi tax-xandir dwar din l-attivita’, fejn iddikjarat li fl-ebda ħin il-Kunsill ma’ għamel xi theddid lill-organizzaturi u xhieda ta’ dan hija anke din il-mozzjoni li tressqet u approvata illum.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** xtaq jagħti l-prosit lill-organizzaturi tal-attivita’ li kienet waħda ta’ suċċess kbir. **Il-Kunsillier Ralph Puli** ingħaqad mal-Viċi-Sindku biex jifraħ lill-organizzaturi tas-suċċess li kisbet din l-attivita’.

**07/04/04 MOZZJONI NRU 39/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq il-mozzjoni Nru 39/2012 (VI).

“Wara li ġejt avviċinat minn diversi residenti dwar in-numru ta’ inċidenti li qed isiru ta’ spiss fil-kantuniera ta’ bejn Triq is-Sagħtar u Triq ir-Rignu, nipproponi li gej:

1. Ir-road markings fil-kantunieri (Ritratti 2 u 3) jinżebgħu sofor jew b’tali mod li jkun aktar ċar li parkeġġ mhux possibli f’dawn il-kantunieri.
2. Titwaħħal mera mal-arblu tad-dawl indikat f’ritratti 1 u 2 li żżid il-viżibilita’ lis-sewwieqa li jkunu ħerġin minn Triq ir-Rignu.
3. Issir konsultazzjoni mar-residenti tat-toroq imsemmija dwar il-possibilita’ li Triq ir-Rignu ssir one-way.
4. Jekk il-maġġoranza taqbel mal-one way, il-Kunsill Lokali jibda l-proċess ma’ Transport Malta biex Triq ir-Rignu ssir one-way.”

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 39/2012 (VI). Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel is-sinjali kif imsemmija f'punti 1 u 2, filwaqt li għandu jibda l-proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti dwar il-possibilta' li Triq ir-Rignu ssir *one-way*.**

**07/04/05 MOZZJONI NRU 40/2012(VI)**

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq il-mozzjoni Nru 40/2012 (VI).

"Qiegħed nipproponi idea li ħarġet mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ li fil-ġlieda kontra l-illiteriżmu, Ħal Qormi jkun l-ewwel Kunsill Lokali li jibda l-proġett tal-book box, li jikkonsisti fit-tibdil tat-*telephone boxes* ħomor antiki, jew il-bini tagħhom, għal-librerija żgħira. Din l-idea ħarġet minn non profit organization grupp li jixtieq idaħħal dan il-kunċett ġewwa Malta.

L-idea taħdem billi persuna jitfa ktieb ġewwa il-book box (librerija) u jieħu wieħed lura sabiex b'hekk jkun hemm *exchange* ta' kotba.

Għalhekk qiegħed nipproponi li l-Kunsill Lokali jibda' dan il-proġett bix-xiri ta' telephone boxes ħomor."

**Il-Kunsillier Robert Cremona** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 40/2012 (VI). Il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għax-xiri ta' żewġ *book boxes*.**

**07/04/06 MOZZJONI NRU 41/2012(VI)**

**Il-Kunsiller Sean Meli** ressaq il-mozzjoni Nru 41/2012 (VI).

"Qed nipproponi li bħala Kunsill Lokali Ħal Qormi (Citta Pinto) jkollu l-klabb tal-mixi. Dan se jkun qed isir ukoll flimkien ma' stabbilimenti relatati mas-saħħa ġewwa Ħal Qormi.

Għalhekk qed nipproponi t-twaqqif tal-Qormi Local Council Walking club u kif ukoll li l-unika spejjeż min-naħa tal-Kunsill Lokali jkunu l-marki li jimmarkaw ir-rotot u kif ukoll il-flokkijiet relatati ma' dan il-klabb."

**Il-Kunsillier Robert Cremona** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 41/2012 (VI).**

**07/04/07 MOZZJONI NRU 42/2012(VI)**

**Il-Charles Farrugia** ressaq il-mozzjoni Nru 42/2012 (VI).

"Qed nipproponi din il-mozzjoni sabiex jitpoġġew *planters* bi pjanti minn Zammit Nurseries bil-logo tiegħu fuqhom fin-naħa ta' fejn għamel l-għargħar (Triq Il-Mitħna) wara li offra li jagħmilhom a spejjeż tiegħu."

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 42/2012 (VI).**

**07/04/08 Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ġie skużat.

**07/05 RAPPORTI**

**07/05/01 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: – SERVIZZ TA' ACCOUNTANT**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar Servizz ta' *Accountant* li kien jikkonsisti f'dan li ġej:

"Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Lulju 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju 2012 , liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Awwissu 2012 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit- 17 ta' Awwissu 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u tal-Kunsilliera Charles Farrugia u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tliet (3) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Nexia BT | €5,145 kull sena |
| 2. | DConsulta | €5,946 kull sena |
| 3. | 3a Accountants | €6,440 kull sena |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Margaret Mercieca (fl-assenza tal-Kunsillier Ralph Puli) u Bjorn Azzopardi, kif imwaqqaf fis-Seduta numru 4 ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju 2012, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Fid-29 ta' Awwissu, il-Bord iltaqa' mat-tlett applikanti fejn ġie ikkonfermat li Nexia BT u DConsulta m'għandhomx esperjenza ta' xogħol ta' *accountant* ta' ħames snin ma' Kunsilli Lokali oħrajn u għaldaqstant, peress li din kienet waħda mir-rekweżiti mitluba fl-offerta, dawn iż-żewġ offerti ġew meqjusa bħala mhux validi. Nexia BT ikkonfermaw li għandhom esperjenza ta' sentejn mal-Kunsill Lokali Cospicua u madwar sena mal-Reġjun Ċentrali, filwaqt li DConsulta bħala *accountants* għandhom esperjenza ta' sentejn mal-Kunsill Lokali Mosta u ftit xhur mal-Kunsill Lokali Santa Luċija. DConsulta semmew ukoll li għamlu xi żmien qasir "jgħinu lill-Kunsill Lokali Għargħur", liema informazzjoni ma ġietx ikkonfermata mill-Kunsill Lokali Għargħur.

Il-Bord ikkonferma li l-offerta ta' 3A Accountants hija skont ir-rekweżiti, fejn l-istess kumpanija hija dik li għandha l-kuntratt preċedenti u l-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol mogħti tul is-snin li ilha mqabbda mal-Kunsill.

Għaldaqstant, l-Bord jirrakkomanda biex tiġi magħżula l-offerta ta' 3A Accountants, peress li hija l-unika offerta konformi mar-rekweżiti u peress li s-servizz mogħti minn din il-kumpanija lill-istess Kunsill Lokali fis-snin passati kien wieħed impekkabbli."

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ġab għall-attenzjoni korrispondenza mibgħuta minn Nexia BT (DOK B). **Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq ukoll ċertifikat maħruġ mill-MFSA li juri li l-kumpanija rrakomandata ilha mwaqqfa għal aktar minn ħames snin.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport fejn il-Bord irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lil 3A Accountants peress li hija l-unika offerta konformi mar-rekweziti u peress li s-servizz mogħti minn din il-kumpanija lill-istess Kunsill Lokali fis-snin passati kien wieħed impekkabbli.

Il-**Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni fejn il-kumpanija 3A Accountants tingħata l-kuntratt għal Servizz ta' Accountant mill-1 ta' Ottubru 2012 sa 30 ta' Settembru 2015.**

**07/05/02 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: – MANUTENZJONI U ZAMMA TA' GONNA U SOFT AREAS**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar Manutenzjoni u Żamma ta' Ġonna u Soft Areas li kien jikkonsisti f'dan li ġej:

"Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Lulju 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 18 ta' Lulju 2012 , liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Awwissu 2012 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-17 ta' Awwissu 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u tal-Kunsilliera Charles Farrugia u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva żewġ (2) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | ELC Ltd | €60,000 kull sena |
| 2. | WM Environmental Ltd | €56,500kull sena |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Margaret Mercieca (fl-assenza tal-Kunsillier Ralph Puli) u Charles Farrugia, kif imwaqqaf fis-Seduta numru 4 ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju 2012, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Fit-30 ta' Awwissu, il-Bord iltaqa' maż-żewġ applikanti fejn ġie ikkonfermat dan li ġej :-

ELC Ltd :- Dr. Ronald Cuschieri attenda f'isem il-kumpanija ELC Ltd fejn spjega l-kumpanija tiegħu li għandha l-kuntratt eżistenti mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, din is-sena diġa ħawlet 68 elf xitla ġo Ħal Qormi liema ammont għandu jlaħħaq il-mitt elf sa' l-aħħar tas-sena (jekk ikomplu bit-tender). Dr Cuschieri semma wkoll li ELC għandhom f'idejhom il-kuntratt ta' 37 Kunsill Lokali ieħor. Huwa semma li ELC qegħdin f'pożizzjoni privileġġata għax jipproduċu l-pjanti huma stess, filwaqt li kompla jgħid li l-ELC Ltd ilha 10 snin titħaddem b'suċċess u hija għaqda ta' 4 kumpaniji differenti li d-deċiżjonijiet joħduhom dejjem f'daqqa.

WM Environmental Ltd :- Is-Sur Wilson Mifsud attenda f'isem il-kumpanija WM Environmental Ltd. Is-Sindku staqsiet lis-Sur Mifsud jekk jafx x'jirrikjedi x-xogħol, u s-Sur Mifsud semma li hu ilhu jagħmel dan ix-xogħol fil-Fgura għal 8 snin, f'Ħaż Żebbuġ għal 7 snin u issa ħa wkoll l-istess tender fiż-Żejtun. Meta mistoqsi kemm se jiddedika impjegati għal Ħal Qormi, s-Sur Mifsud qal li jaħseb li Ħal Qormi jista'

jaħdmu bi 3 persuni full time. Is-Sur Mifsud semma li huwa aktar mitfuħ fuq tenders ta' Ġbir ta' skart fejn semma li għandu 10 scammels u fuq tenders ta' Knis ta' toroq fejn jagħmel dan ix-xogħol b'suċċess f'diversi Kunsilli Lokali. Is-Sur Mifsud semma li bħalissa m'għandux nies biżżejjed biex jiddedika għat-tender ta' Ħal Qormi għax għadu kif ha tender tal-Qawra u Bugibba.

Il-Bord jirrakomanda li tintgħażel l-offerta ta' ELC Ltd peress li stante li m'hemmx differenza kbira bejn iż-żewġ offerti, l-orħos offerent iddikjara li ma jistax jagħti garanzija li jkollu ħaddiema biżżejjed biex jagħti s-servizz rikjest fl-offerta, u peress li l-kumpanija magħżula hija dik li għandha l-kuntratt preċedenti fejn il-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol mogħti tul is-snin li ilha mqabbda mal-Kunsill meta jiġi kkunsidrat l-ammont ta' xogħol addizzjonali li tagħti b'xejn din il-kumpanija lill-Kunsill Lokali.

Il-Bord qabel li dan il-kuntratt jingħata għal sena li jista' jiġi mġedded sa massimu ta' tlett snin."

**Il-Vici-Sindku Jesmonda Aquilina** ippropona mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport fejn il-Bord irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lil ELC Ltd peress li stante li m'hemmx differenza kbira bejn iż-żewġ offerti, l-orħos offerent iddikjara li ma jistax jagħti garanzija li jkollu ħaddiema biżżejjed biex jagħti s-servizz rikjest fl-offerta, u peress li l-kumpanija magħżula hija dik li għandha l-kuntratt preċedenti fejn il-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol mogħti tul is-snin li ilha mqabbda mal-Kunsill meta jiġi kkunsidrat l-ammont ta' xogħol addizzjonali li tagħti b'xejn din il-kumpanija lill-Kunsill Lokali.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni sabiex il-kuntratt ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas jingħata lill-ELC għal sena mill-1 ta' Ottubru 2012 li jista' jiġi mġedded għal perjodu massimu ta' tlett snin.**

**07/05/03 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: – MANUTENZJONI U KOSTRUZZJONI TA' BANKINI**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar Manutenzjoni u Kostruzzjoni ta' Bankini li kien jikkonsisti f'dan li ġej:

“Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta, 17 ta’ Lulju 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 18 ta’ Lulju 2012 , liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 17 ta’ Awwissu 2012 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-17 ta’ Awwissu 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u tal-Kunsilliera Charles Farrugia u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva erbgħa (4) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Emanuel Baldacchino | Diversi Rati |
| 2. | Tenovar Ltd | Diversi Rati |
| 3 | Polidano Bros Ltd | Diversi Rati |
| 4. | Road Maintenance Services Ltd | Diversi Rati |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Margaret Mercieca (fl-assenza tal-Kunsillier Ralph Puli) u Sean Meli, u l-perit tal-Kunsill William Lewis, kif imwaqqaf fis-Seduta numru 4 ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju 2012, ltaqa’ biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Fid-29 ta’ Awwissu, il-Bord iltaqa’ biex jiddiskuti din l-offerta fejn il-Perit ipprezenta ir-rapport tekniku. Il-Perit spjega li peress li huwa diffiċli li jsir paragun tar-rati mitfugħa, huwa għamel eżerċizzju fejn ikkumpara r-rati ta’ proġett li diġa sar mill-Kunsill u ta’ proġett ieħor li jista’ jagħmel il-Kunsill fil-futur. Dan ir-rapport juri li l-offerti l-aktar vantaġġjużi huma ta’ Tenovar Ltd, Road Maintenance Ltd u Emanuel Baldacchino f’din l-ordni.

Wara li ntalbet lista ta’ xogħlijiet simili tal-kuntratt in kwistjoni li saru minn dawn il-kuntratturi, instab li Tenovar Ltd m’għandhomx esperjenza fuq xogħlijiet simili, filwaqt li l-kuntrattur *Road Maintenance* Ltd għandu ħafna aktar esperjenza minn Emanuel Baldacchino.

Għaldaqstant, il-Bord jirrakomanda li tintgħażel l-offerta ta’ Road Maintenance Services Ltd peress li huwa l-aktar kuntrattur li għandu esperjenza valida fuq xogħol simili tal-kuntratt, u l-offerta tiegħu hija relattivament ta’ livell ekonomiku approssimattivament l-istess tal-offerta taż-żewġ kuntratturi l-oħrajn.

Il-Bord qabel li dan il-kuntratt jingħata għal sena li jista’ jiġi mġedded sa massimu ta’ tlett snin.”

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport fejn il-Bord irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lil Road

Maintenance Services Ltd peress li huwa l-aktar kuntrattur li għandu esperjenza valida fuq xogħol simili tal-kuntratt, u l-offerta tiegħu hija relattivament ta' livell ekonomiku approssimattivament l-istess tal-offerta taż-żewġ kuntratturi l-oħrajn.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda l-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni sabiex il-kuntratt ta' Manutenzjoni u Kostruzzjoni ta' Bankini jingħata lill-RMS għal sena mill-1 ta' Ottubru 2012 li jista' jiġi mġedded għal perjodu massimu ta' tlett snin.**

**07/05/04 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: – *UPGRADING* TA' PLAYING FIELDS**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar Manutenzjoni u Kostruzzjoni ta' Bankini li kien jikkonsisti f'dan li ġej:

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2012 , liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Lulju 2012 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-13 ta' Lulju 2012, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u tal-Kunsilliera Charles Farrugia u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva ħames (5) offerti;

| | | |
|---|---|---|
| 1. | M Quip Ltd | €54,658.75 |
| 2. | Peter Vella | €54,970 |
| 3 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €84,262.70 |
| 4 | Forestals/ FGL Commercial Services Ltd | €144,870.30 |
| 5 | JGC Ltd | Various Options |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Margaret Mercieca (fl-assenza tal-Kunsillier Ralph Puli) u Antoine Saliba kif imwaqqaf fis-Seduta numru 4 ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2012, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord iltaqa' mal-kuntratturi fil- 25 ta' Lulju 2012, fejn ġie ikkonfermat dan li ġej :-

*M Quip Ltd* ikkonfermaw ir-rati mitfugħa
*Peter Vella* ikkonferma r-rati fejn iżda ġie mitlub jibgħat ritratti tal-*playing equipment* proposti aktar ċari
*Koperattiva Tabelli u Sinjali* – ma ġewx mistiedna għall-intervista peress li l-offerta kienet għolja wisq.
*FGL Commercial Services Ltd* ikkonfermaw ir-rati sottomessi fl-offerta.
*JGCLtd* ikkonfermaw r-rati mitfugħa fejn ġie ikkjarifikat li fir-rigward tal-qlugħ u twaħħil taż-żona tas-soft area tiġi meqjusa bħala rata lump sum. Il-kuntrattur sostna li fl-offerta huwa għamel għażliet differenti ta' *playing equipment* differenti.

Fid-29 ta' Awwissu, il-Bord iltaqa' sabiex jiddiskuti dawn l-offerti, flimkien mar-rapport tekniku li pprepara il-Perit tal-Kunsill. (DOK B)

Il-Bord mill-ewwel għadda biex jiddiskuti l-offerti billi elimina l-offerti mitfugħa minn MQuip Ltd, Koptasin, u FGL Ltd peress li dawn kienu għoljin ħafna ikkumparati mal-oħrajn. Fir-rigward tal-offerti ta' Peter Vella u ta' JGC Ltd, kien diffiċli biex tikkompara r-rati peress li l-JGC Ltd taw *options* differenti ta' *playing equipment* differenti. Għaldaqstant il-Bord għażel dawk il-*playing equipment* li jixtieq li jkollu fil-bandli, u li huma simili fiż-żewġ offerti taż-żewġ kuntratturi in kwistjoni, fejn it-totali ġew b'dan il-mod :-
Peter Vella - €43,520
JGC Ltd - €47,282

Il-Bord jirrakomanda li tintgħażel l-offerta ta' Peter Vella peress li hija l-orħos offerta kif spjegat aktar 'il fuq, u dan suggett li l-*playing equipment* huwa konformi mal-istandards ewropej."

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport fejn il-Bord irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lil Peter Vella peress li hija l-orħos offerta kif spjegat aktar 'il fuq, u dan suġġett li l-*playing equipment* huwa konformi mal-istandards ewropej.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-mozzjoni

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni sabiex il-kuntratt ta' *Upgrading* tal-*Playing Fields* jingħata lill-Peter Vella u li għandu jlesti x-xogħol skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt.**

**07/05/05** **Il-Kunsillier Charles Farrugia** ġie skużat.

**07/05/06 RAPPORT FINANZJARJU SAL-31 TA' MARZU AWDIJAT**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ippreżenta r-rapport finanzjarju għall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2012 bl-aġġustament mitluba mill-Awditur wara l-eżercizzju ta' awditjar li kellu jsir wara l-bidla fis-Segretarju Eżekuttiv. **DOK 'C'**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-rapport.

**Il-Kunsilliera Ralph Puli issekonda din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Seba' (07) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni u għaldaqstant ir-rapport finanzjarju awditjat għandu jintbagħat lill-awditur ħalli jkun jista' joħroġ l-Ittra ta' Direzzjoni.**

**07/05/07 *QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT* U *FINANCIAL SITUATION INDICATOR REPORT Jan- March & April-July 2012***

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa ippreżenta l-ewwel u t-tieni rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur – mill-1 ta' Jannar 2012 sat-31 ta' Marzu 201 u mill 1 ta' April sat-30 ta' Gunju 2012, għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess żewg kwarti tas-sena. Ir-rapporti kienu iċċirkulati u mqassma wkoll mad-dokumenti tas-seduta u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'D1-2'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ipproponiet mozzjoni biex jiġu approvati dawn ir-rapporti.

**Il-Kunsilliera Ralph Puli issekonda din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Seba' (07) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva dawn ir-rapporti.**

**05706 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-

korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-6**

1. Talbiet għall-Bollards –
Triq San Frangisk
Triq Santu Rokku k/m Triq il-Kbira

Il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talbiet lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

2. Ittra mit-Transport Malta dwar *Pelican Lights* fi Triq il-Ħammieri fejn wara l-laqgħa li kienet saret mal-Kunsill u ma' resident, Transport Malta sostniet li t-talba ma ġietx milqugħa u li ser tinżamm id-deċiżjoni oriġinali tal-post ippjanat li jsiru *Pelican Lights*.

3. Ittra minn resident fi Pjazza Narbona dwar qlugħ ta' siġar li qed jagħmlu ħsara fil-passaġġ li għadu kemm għamel il-Kunsill, il-Kunsill iddeċieda li dawn is-siġar jinżabru u għandu jikkunsidra l-qlugħ wara li jittieħed parir mill-esperti u wara li jsiru evalwazzjonijiet tal-ispejjeż involuti.

4. Ittra mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ dwar id-dati tal-attivitajiet li ser jiġu organizzati fis-sena 2013. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn l-attivitajiet u ħa jagħmel l-aħjar tiegħu li ma jkunx hemm attivitajiet oħrajn fl-istess dati iżda min-naħa l-oħra ma jistax jobbliga entitatjiet oħrajn li ma jagħmlux attivitajiet fl-istess dati.

5. Ittra minn residenti fi Sqaq fi Triq Il-Ħabbież li jixtiequ li din l-isqaq jingħalaq permezz ta' bollard. Peress li f'dan l-isqaq hemm xi karozzini taż-żwiemel, il-Kunsill qabel li jressaq talba lit-Transport Malta sabiex dan l-isqaq titwaħħal tabella ta' No Entry għall-vetturi.

6. Talba biex issir *Road Hump* fi Triq Ġue Galea ma ġietx approvata.

7. Ittra minn Transport Malta biex ir-road hump fi Triq il-Kummerc tiġi mċekkna mill-gholi taghha. Il-Kunsill huwa tal-parir li din minflok tiċċaqlaq b'għaxar metri. Il-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-perit qabel japprova din il-proposta u jgħaddiha lil Transport Malta.

**07/07 INFORMAZZJONI**

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** gie avviċinat dwar xogħlijiet tal-arti minn Pittur Qormi rinomat Emanuel Borg Gauci li jinsabu għall-bejgh. Il-Kunsill iddeċieda li jmur jara dawn il-pitturi u jinkisbu l-prezzijiet qabel tittieħed deċiżjoni finali.

**06/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-10:00 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)